# IL-QANPIENA

Settembru 2011 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 363


## INSELLMILKOM

### LEJN EVANĠELIZZJONI ĠDIDA



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

Bħalissa qed jitħejja l-Pjan Pastorali tal-Parroċċa għas-snin 2011 - 2014. Mons. Arċisqof wera x-xewqa li l-programm tal-Knisja liċ-ċentru tiegħu hu KRISTU – jiġi msarraf f'inizjattivi pastorali adatti għaċ-ċirkostanzi ta' kull komunita. Għalfejn dan? Biex ix-xandir ta' Kristu jilħaq in-nies - jkollu influwenza fil-fond u preċiża billi jwassal il-valuri tal-Vanġelu fis-soċjeta' u l-kultura. Dan hu li nifhmu meta ngħidu EVANĠELIZZAJONI ĠDIDA. Il-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Appostolika "Evangelii Nuntiandi" kien qal li l-Knisja ta' Kristu teżisti biex tevanġelizza (par. 4). Jekk il-Knisja ma tevanġelizzax, ma jkollha ebda skop għalfejn teżisti.

X'inhi l-Evanġeliżżazzjoni? Il-Knisja ma tmurx ixxandar u tevanġelizza kull messaġġ, imma l-Aħbar it-Tajba li ġabilna Ġesu', jiġifieri l-imħabba li Alla għandu għal bniedem. Din mhix xi ħaġa ġdida. Li tkun nisrani u tgħix il-fidi nisranija fis-soċjeta llum m'ghadhiex xi ħaġa faċli daqs kemm kienet ftit tas-snin ilu; għal kuntrarju, illum irridu mmorru kontra l-kurrent u nuru aħna nemmnu fih bl-għemejjel tagħna; bl-azzjonijiet tagħna u bid-deċiżjonijiet li nieħdu matul ħajjitna.

Għalhekk f'Jannar ta' kull sena jsir appell għall-Katekeżi biex min ikun irid jifforma komunita', grupp magħmul minn miżżewġin, ġuvintur, tfajliet eċċ. li fl-aħħar jkunu ċellula ħajja li qed jippruvaw jgħixu il-Magħmudija. Ikunu sinjal fil-Parroċċa. Tiġi proposta mixja ta' fidi miftuħa għal kulħadd u bil-għan tal-missjoni. Għal dan il-għan f'Novembru ser isir Kors biex il-parteċipanti jsiru jafu aħjar dak li tgħallem il-Knisja u jgħinhom jaqsmu l-fidi tagħhom mal-oħrajn ara paġni 3 u 4 .għal aktar dettalji.

Nawgura li aħna nwieġbu għal dak li l-Mulej qed jurina fi żminijietna biex inwettquh b'impenn dejjem akbar.

Tislijiet u talb,

***Dun Anton***

---

## Avviż lil Ġenituri

**Matul il-Ġimgħa mit-12 - 16 ta' Settembru 2011 il-ġenituri jridu jiktbu lil uliedhom b'mod speċjali dawk li ser jibdew l-ewwel sena u tal-Kinder fiċ-Ċentri tad-Duttrina.**

**Ċentru MUSEUM Bniet fi Triq Brared**
**Ċentru MUSEUM Bniet fi Triq il-Vitorja**
**Ċentru MUSEUM subien fi Sqaq Nannuwa**
**Ċentru San Franġisk Subien u Bniet fi Triq l-Imsida**
**L-Oratorju S. Domenico Savio subien u bniet fi Triq San Ġiljan.**

## UFFIĊĊJU PARROKKJALI

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304
Tel. 21444725
Fax. 21445540
sthelenparish@gmail.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci
Kan Dun Charles C. Attard

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-4.15pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).

**Rużarju:**
Kuljum fit-8.15am u fis-6.00pm




## Kalendarju Liturġiku SETTEMBRU

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 01 | **9.30am** Bażilika: Quddiesa għat-tfal tal-Griżma. Wara tluq għall-Millenium Chapel fejn jaraw xi jwettaq il-programm WOW "Wishing Others Well."<br>**7.00pm** Adorazzjoni mmexxija mis-Sorijiet tal-Parroċċa. |
| Il-Ġimgħa 02 | Bidu tal-Live In għal grupp tal-Adolexxenti "Faith Alive" f'San Pawl il-Baħar. |
| Is-Sibt 03 | **4.30p**m Tal-Ħerba: Ċelebrazzjoni Marjana Fil**-5.00pm** Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu matul Awwissu. |
| It-Tnejn 05 | Bidu tal-Live In għal Grupp Adolexxenti "Faith Living Youth" f' San Pawl il-Bahar.<br>**7.00pm** Laqgħa tal-Core Group. |
| It-Tlieta 06 | **7.00pm** Sala taċ-Ċentru S.Elena: Serata tal-għeluq mtellgħa mit-tfal tas-Summer Club. |
| Il-Ġimgħa 09 | **7.00pm** Laqgħa ta' Tħejjija għal Vanġelu tal-Ħadd. |
| Il-Ħadd 11 | Festa tal-Madonna tal-Grazzja fil-Knisja ta' S.Rokku<br>**10.00am** Tberik tal-muturi.<br>**4.30pm** Bażilika: Quddiesa li fiha jingħata s-Sagrament tal-Magħmudija. |
| It-Tnejn 12 | Ċentri tad-Duttrina jibdew jinkitbu t-tfal għal klassi ta' l-ewwel sena u tal-Kinder ta' qabel l-Ewwel Tqarbina ara paġna 1 |
| It-Tlieta 13 | **9.00am** Quddiesa; Wara ħarġa għat-tfal tal-Griżma. Żjara lil Katakombi u l-Grotta ta' San Pawl.<br>Santu Rokku: Tifkira tal-5 dehra tal-Madonna ġo Fatima. |
| L-Erbgħa 14 | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal- Quddies. |
| Il-Ħamis 15 | Festa tal-Verġni Mqaddsa tad-Duluri<br>**9.30am** Jibdew il-laqgħat tal-Grupp Jeanne Jugan (60+ tal-anzjani.)<br>**7.00pm** Adorazzjoni mmexxija mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. |
| Il-Ġimgħa 16 | **7.00pm** Tħejjija għal Vanġelu tal-Ħadd. |
| Il-Ħadd 18 | Festa ta' Marija Bambina fil-Knisja tal-Vitorja (ara paġna 3) |
| It-Tnejn 19 | **7.00pm** Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| It-Tlieta 20 | **9.30am** Żjara lil Karkariżi f'San Vincenz de Paule.<br>**7.00pm** Laqgħa tal-Grufan. |
| Il-Ħamis 22 | **9.30pm** Laqgħa tal-Grupp anzjani "Jeanne Jugan".<br>**7.00pm** Adorazzjoni mmexxija mill-Lega Riparatriċi |
| Il-Ġimgħa 23 | Festa ta' San Piju tal-Pjagi |
| Il-Ħadd 25 | **4.30pm** Bażilika: Quddiesa li fiha jingħata s-Sagrament tal-Magħmudija. |
| It-Tlieta 27 | **9.30am** Sala t'isfel taċ-Ċentru; Coffee Morning b'riżq il-Ħidma Pastorali tal-Parroċċa. |
| Il-Ħamis 29 | Festa tal-Arkanġli San Mikiel, San Rafel u San Gabrijel.<br>**9.30am** Laqgħa tal-Grupp Anzjani "Jeanne Jugan"<br>**9.30am** jew **7.15pm** Sala ta' fuq ta'-Ċentru: Laqgħa għall-missirijiet, ommijiet u parrini tat-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma f'Novembru 2011. |

## Festa ta' Marija Bambina fil-Knisja tal-Vitorja, Birkirkara

**Il-Ġimgħa 9 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _7.00am_: | Quddiesa għal bżonnijiet tal-Benefatturi tal-Vitorja. |
| _6.00pm:_ | Quddiesa - Mistiedna membri li joqgħodu fit-toroq Licari; Pirotta; Mamo; Għargħur; Jannara; Kbira Ħassajied;Taħħan; Sqaqien Ħassajjied 1 u 2; Sqaq Decelis. |

**Il-Ħadd 11 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _6.45am_: | Quddiesa |
| _10.15am:_ | Quddiesa għaż-żgħażagħ (16 +) |

**It-Tnejn 12 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _7.00am:_ | Quddiesa għal dawk li ħallewna mill-aħħar festa 'l hawn. |
| _6.00pm:_ | Quddiesa: Mistiedna membri li joqgħodu fit-toroq Decelis; Vitorja; Galea Curmi; Karm Sammut; Sqaqien Vitorja; Nannuwa; Rajżi; Mogħdija l-Vitorja. |

**It-Tlieta 13 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _7.00am:_ | Quddiesa b'suffraġju tar-Retturi u helpers tal-Vitorja. |
| _6.00pm:_ | Quddiesa: Mistiedna membri li joqgħodu Laqxija Housing Estate A; B; D; F; G; J; K; L; M1; Triq Laqxija; B1; Ven.Nazju Falzon; M2;M3; N; Pjazza Joseph Briffa. |
| _7.00pm:_ | Quddiesa b'suffraġju tal-5 vittmi tan-nar. Ikunu mistiedna l-familjari tagħhom u l-ħaddiema tan-nar. |

**L-Erbgħa 14 ta' Settembru u Il-Ħamis 15 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _7.00am:_ | Quddiesa |
| _6.00pm:_ | Quddiesa tat-Tridu |

**Il-Ġimgħa 16 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _7.00am:_ | Quddiesa |
| _6.00pm:_ | Quddiesa tat-Tridu. Wara joħroġ Vjatku Solenni. |

**Is-Sibt 17 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _7.00am:_ | Quddiesa |
| _6.00pm_: | Transulazzjoni: Quddiesa u preżentazzjoni tat-trabi lil Marija Bambina |
| _8.00pm:_ | Serata Familjari quddiem il-Pjazza tal-Vitorja. |

**Il-Ħadd 18 ta' Settembru**

| | |
|---|---|
| _6.45am:_ | Quddiesa |
| _10.00am:_ | Tberik tal-pets. Tfal akkumpanjati minn xi ħadd adult huma mħeġġa li jġibu l-pets biex jiġu mberkin. |
| _6.00pm:_ | Quddiesa tal-festa. |

---

## KORS TA' EVANĠELIZZAZZJONI

***Għal min hu dan il-Kors?*** Għall-membri attivi fil-Parroċċa u fl-Għaqdiet Reliġjużi u għal dawk li jixtiequ jippreparaw rwieħhom biex ikunu operaturi pastorali.

***L-Għan tal-Kors:***

* li jifforma lill- parteċipanti ħalli jsiru jafu aħjar dak li tgħallem il-Knisja.
* Li jgħinhom jaqsmu l-fidi tagħhom mal-oħrajn. Fl-aħħar tal-kors jingħata ċertifikat
* Il-Kors hu propost li jkun f'livell 4 tan-National Qualifications Framework.
* Il-lectures isiru bil-Malti.
* **Ħinijiet: Il-Ħamis mis-7.00pm - 9.00pm**
* Minn Novembru 2011 sa April 2012.
* **Post: f'Novembru u Diċembru 2011 fiċ-Ċentru S. Elena B'Kara**
* f'Jannar 2012 - April 2012 Fiċ-Ċentru Swatar.
* Ħlas: €40 kollox inkluż it-tlett seminars ta' nofs ta' nhari.

***ikompli f'paġna 4...***

# Mill-ħajja tal-Parroċċa

**Nifirħu**

*+ **Sr. Giovanita Briffa u Sr. Antoinette Boldarini** tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu' li ċċelebraw il-50 sena mill-Professjoni Reliġjuża tagħhom. Dan sar nhar il-Ħadd 31 ta' Lulju 2011 fil-Knisja ta' San Frangisk Villambroża Ħamrun.*

*+ **Fr. Nicholas Dimech:** Mill-1 ta' Settembru 2011 Mons Arċisqof assenjah għal-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Nawgurawlu.*

---

**Lulju**

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Joseph Mifsud - Deborah Pace; Bruce Busuttil - Zvetlana Borg; Stephen Mallia - Lara May De Bono; Raymond Orland - Rodianne Vella; Silvano Carabott - Liane Marie Bonello; Keith Farrugia - Amanda Azzopardi; David Michael Tyrell - Aoife Mairead Brenman; Joseph Abela - Beverley Camilleri.

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**

Kean Gauci; Kaylee Cortis; Jaden Cauchi; Aleksis Gauci; Marilene Xuereb; Emma Cutajar

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**

Saviour Azzopardi; Eileen Vella Briffa; Carmelo Barbara; M'Stella Calleja; Mary Fenech Adami; Saviour Cesare; Saviour Borg; Joseph Camilleri.

**Suffraġji**

+ Censina Vassallo toffri €10.00 b'suffraġju tal-għażiża ommha Tereża Vassallo li tagħlaq 23 sena mejta fit-2 ta' Settembru.

+ Il-familji Mamo u Borg joffru €10.00 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħhom Carmelo u Helen Mamo li jagħlqu 30 u 20 sena mejta fil-5 u fl-14 ta' Settembru.

+ Il-Familji Calleja Borg u Agius joffru €10.00 b'suffraġju tal-għeżież erwieħ tal-familja tagħhom.

**Ħbieb**

€3.39c permezz ta' Carolina Debono; €10.00c permezz ta' Ġuża Xuereb; L-aħwa Zammit

---

*.... ikompli minn paġna 3*

*** Il-Parroċċa ser tisponsorja li dawk il-parteċipanti li għandhom minn 50 sena l-isfel. Dan qed nagħmluh biex ikollna aktar parteċipanti ta' eta' iżgħar. Oħrajn li jixtieqbe jipparteċipaw ikellmu lil Prepostu. Dawk li ser jiġu sponsorjati huma mħeġġa li jintrabtu li jagħmlu sentejn ħidma volontarja fil-Parroċċa.**

* Il-parteċipanti għandhom jattendu għal 11-il sezzjoni ta' saghtejn il waħda u jipparteċipaw u jkomplu r-riflessjoni permezz ta' sessjonijiet online u tlett seminars li jsiru s-Sibt filgħodu.

* Dan qed jiġi organiżżat mill-Parroċċi tal-Unita' 3 permezz ta' l-Istitut Formazzjoni Pastorali.

**Nagħmel Appell biex nattendu. Il-booking isir fl-Uffiċċju Parrokkjali.**




4a, Valley Road, B'Kara
Tel: 21444113

Savoy Shopping Arcade
Level 2, Valletta
Tel: 21234253

No connections with other shops

LAURENS WATCHES

G.B. JEWELLERY
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES